KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.1.2005
KUMM(2004) 811 finali

GREEN PAPER

DWAR STRATEĠIJA TA' L-UE GĦAT-TREĠIJA TAL-MIGRAZZJONI EKONOMIKA

(preżentat mill-Kummissjoni)

WERREJ

1. Daħla 3

2. Żvilupp ta' strateġija ta' l-UE dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema 4

2.1. Għal liema grad ta' armonizzazzjoni għandha timmira l-UE? 4

2.2. Proċeduri għad-dħul f'pajjiż għall-impieg bi ħlas 6

2.2.1 Preferenza għas-suq tax-xogħol domestiku 6

2.2.2 Sistemi li jirregolaw id-dħul f'pajjiż 7

2.3. Proċeduri li jirregolaw id-dħul għal min jaħdem għal rasu 8

2.4. Applikazzjoni għall-permess(i) tax-xogħol u r-residenza 9

2.5. Possibbiltà li ħaddiem ibiddel il-persuna li tħaddem/is-settur 9

2.6. Drittijiet 10

2.7. Miżuri ta' akkumpanjament: l-integrazzjoni, ir-ritorn lejn u l-kooperazzjooni ma' pajjiżi terzi 10

3. Konklużjoni 11

Anness 13

1. DAĦLA

L-għan ta' din il-*Green Paper* huwa li tagħti bidu għall-proċess li għandu jwassal għal diskussjoni dettaljata li tinvolvi l-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili, dwar il-forma l-aktar adattata ta' regoli Komunitarji għall-għoti ta' permessi għad-dħul ta' migranti ekonomiċi, u dwar il-l-valur miżjud li jseħħ bħala riżultat ta' l-adozzjoni ta' tali qafas komuni. Il-Kummissjoni sejra torganizza smigħ pubbliku fl-2005 biex tiddiskuti dan is-suġġett mal-partijiet interessati kollha.

Din il-*Green Paper* tikkonċerna l-proċeduri għad-dħul għall-migrazzjoni ekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ma tittrattax mal-moviment liberu taċ-ċittadini ta' l-UE fi ħdan l-Unjoni. Diskussjoni dwar it-tlestija tas-suq Komunitarju tax-xogħol isseħħ f'kuntest ieħor.

L-Artikolu 63(3) tat-Trattat tal-KE jipprovdi li l-Kunsill għandu jadotta "*miżuri dwar il-politika ta' l-immigrazzjoni fl-oqsma li ġejjin: (a) il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul u r-residenza, u l-istandards dwar proċeduri adottati mill-Istati Membri għall-ħruġ ta' viżi għal perijodu twil u għal permessi ta' residenza."* Mil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Tampere f'Ottubru ta' l-1999, il-Kummissjoni diġà ħasbet biex tibda diskussjoni dettaljata fuq proġett strateġiku dwar il-migrazzjoni ekonomika. Fl-2001, il-Kummissjoni adottat proposta ta' Direttiva rigward il-"*kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul u r-residenza ta' persuni minn pajjiżi terzi bi ħsieb ta' impjieg bi ħlas jew biex jaħdmu għal rashom"*[1]. Filwaqt li l-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħra esprimew opinjonijiet pożittivi[2], id-diskussjoni fi ħdan il-Kunsill kienet limitata għall-ewwel qari tat-test.

Il-Kummissjoni temmen li wasal iż-żmien li terġa' tivvaluta dan l-argument fid-dawl ta' l-iżviluppi li seħħew fil-qasam ta' l-immigrazzjoni tul dawn l-aħħar tliet snin. Fuq livell politiku, il-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki tad-19 sa l-20 ta' Ġunju 2003 saħaq dwar "*il-ħtieġa li jiġu eżaminati l-mezzi legali li jippermettu lill-persuni minn pajjiżi terzi li jemigraw lejn l-Unjoni, b'attenzjoni mogħtija għan-numri li jistgħu jiddaħħlu mill-Istati Membri […]'.* It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li dwaru kien intlaħaq ftehim fil-Kunsill Ewropew ta' Brussel bejn is-17 u t-18 ta' Ġunju 2004, jistqarr li: *L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni, dwar id-dħul ta' persuni, li l-għan tagħha huwa li tiżgura li, fl-istadji kollha, ikun hemm kontroll effiċjenti tal-flussi ta' migrazzjoni* […]" [3].

Sadattant, filwaqt li l-Kummissjoni tagħraf l-impatt tal-waqgħa demografika u x-xjuħija fuq l-ekonomija, saħqet fuq il-bżonn li l-politika ta' l-immigrazzjoni terġa' tkun riveduta f'termini itwal ta' żmien,[4] fuq kollox fid-dawl ta' l-implikazzjonijiet li jkollha fuq il-kompetittività, strateġija dwar il-migrazzjoni ekonomika u, għaldaqstant, fuq it-twettiq tal-għanijiet ta' Liżbona. Din it-tendenza tas-soċjetà ħeġġet dibattitu dwar il-migrazzjoni lejn l-UE, imma ma taffettwax ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jiddeċiedu fuq in-numru ta' immigranti li għandhom jidħlu. Fil-fatt, anke jekk l-għanijiet ta' Liżbona dwar l-impjiegi jintlaħqu sa l-2010, il-livelli ġenerali ta' l-impjiegi ser jaqgħu minħabba l-bidla demografika. Meta titqies ir-rata kurrenti ta' l-immigrazzjoni, bejn l-2010 u l-2030, it-tnaqqis fl-UE tal-popolazzjoni li

---

1 KUMM(2001) 386.

2 Pariri: tal-Parlament Ewropew tat-12.2.2003 (A5-0010/2003); tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16.1.2002 (SOC/084, CES 28/2002); tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-13.3.2002 (CdR 386/2001).

3 Artikolu III-267.

4 KUMM (2003) 336.

taħdem fl-UE ta' 25 Membru sejra tirriżulta fit-tnaqqis tan-numru ta' persuni li jaħdmu, b'xi 20 miljun. Tali żviluppi jkollhom impatt ferm qawwi fuq l-iżvilupp ekonomiku ġenerali, il-ħidma tas-suq intern u l-kompetittività ta' l-intrapriżi fi ħdan l-UE.

F'dan il-kuntest, u filwaqt li l-immigrazzjoni nnifisha mhijiex soluzzjoni għall-problemi ta' tixjiħ demografiku, ser ikun hemm dejjem aktar il-ħtieġa li jiżdiedu n-numri ta' nies li jemigraw lejn is-suq tax-xogħol ta' l-UE biex l-istess ħtiġijiet ta' l-Unjoni jkunu jistgħu jintlaħqu u biex, fil-futur, ikun żgurat il-ġid. Minbarra dan, l-immigrazzjoni għandha impatt dejjem akbar fuq l-intrapriża. L-UE trid iżżomm ukoll quddiem għajnejha il-fatt li r-reġjuni prinċipali tad-dinja diġà qegħdin jikkompetu biex jiġbdu lill-migranti sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ekonomiċi tagħhom. Dan jenfasizza l-importanza li tkun żgurata li politika Ewropea dwar il-migrazzjoni ekonomika twassal status legali żgur u sett garantit ta' drittijiet biex jassistu l-integrazzjoni ta' dawk li jidħlu.

Barra dan, il-bżonn ta' inizjattiva strateġika Ewropea tingħata aktar saħħa mill-fatt li, fin-nuqqas tagħha, il-flussi ta' migrazzjoni jistgħu faċilment isibu mezz kif jinjoraw ir-regoli u l-liġijet nazzjonali. B'riżultat ta' dan, fl-assenza ta' kriterji komuni għad-dħul tal-migranti ekonomiċi, in-numru ta' ċittadini minn pajjiżi terzi deħlin illegalment fl-UE u mingħajr ebda garanzija ta' xogħol bi ħlas iddikjarat – u għaldaqstant li jintegraw fis-soċjetajiet tagħna – sejjer ikompli jikber.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni taf sew, li d-deċiżjonijiet dwar jekk għandhomx jiġu aċċettati jew le l-migranti ekonomiċi li jfittxu x-xogħol, huma u jibqgħu fil-kompetenza ta' l-Istati Membri. L-abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali jiddikjara li: "*Dan l-Artikolu [III-267] ma għandux jaffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi tad-dħul, fit-territorju tagħhom, ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, ġejjin mill-istess pajjiżi terzi biex ifittxu x-xogħol, kemm bħala impjegati jew biex jaħdmu għal rashom"*. Madanakollu, id-deċiżjonijiet li jittieħdu biex jiddaħħlu tali ċittadini minn terzi pajjiżi fi Stat Memru wieħed, jaffettwaw lil oħrajn (dritt ta' vjaġġjar fiż-żona Schengen, li toffri servizz fi Stati Membri oħra, li titlaq lejn Stati Membri oħra wara li tikseb l-istatus ta' resident għall-perijodu fit-tul, l-impatt tad-dħul ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi fuq is-suq tax-xogħol Ewropew) u l-UE għandha ċerti obbligi internazzjonali lejn uħud mill-kategoriji ta' migranti ekonomiċi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni temmen li hemm każ ċar sabiex ikun hemm qbil, fuq livell Komunitarju, dwar regoli u kriterji komuni trasparenti u aktar armonizzati għad-dħul ta' l-migranti ekonomiċi.

Dak kollu li intqal hawn fuq, flimkien ma' riflessjoni fuq il-valur miżjud konsegwenza ta' l-adottar ta' miżuri fuq livell Komunitarju, huma l-pedamenti bażiċi li fuqhom trid tinbena kull azzjoni f'dan il-qasam. Barra dan, kull miżura adottata trid tnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini minn pajjizi terzi.

Għaldaqstant, l-iskop ta' din il-*Green Paper* ma huwiex li tiddeskrivi l-politika ta' l-UE25, wisq anqas li tqabbilha mal-politika ta' reġjuni oħra tad-dinja, iżda li tidentifika l-argumenti prinċipali u l-għażliet possibbli li hemm għal qafas leġiżlattiv Komunitarju fl-ambitu tal-migrazzjoni ekonomika. Hi u tagħmel dan, il-Kummissjoni żammet quddiem għajnejha r-riżervi u t-tħassib espressi mill-Istati Membri matul id-diskussjoni tal-proposta għal direttiva ta' l-2001 u qed tressaq suġġerimenti għal alternattivi.

Fl-aħħarnett, fil-Programm ta' the Hague, il-Kunsill Ewropew ta' l-4 sa l-5 ta' Novembru 2004, saħaq fuq l-importanza tad-dibattitu dwar il-*Green paper* li – flimkien ma' l-aqwa prattiki fl-Istati Membri u r-relevanza tagħhom għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona – għandu jittieħed bħala l-bażi għal "*pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali*

inklużi l-proċeduri għad-dħul, li kapaċi jirrispondu minnufih għat-talbiet dejjem jinbidlu għall-ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħo"[5]. Il-Kummissjoni sejra tippreżenta tali programm sa tmiem l-2005.

2. ŻVILUPP TA' STRATEĠIJA TA' L-UE DWAR IL-MIGRAZZJONI TAL-ĦADDIEMA

Skond il-Kummissjoni, id-diskussjonijiet dwar il-politika Ewropea tal-futur fuq migrazzjoni ekonomika trid tiffoka fuq uħud mill-aspetti fundamentali li, minkejja li ma humiex eżawrjenti, jitqiesu interdipendenti. L-għażliet proposti jistgħu jkunu kkumbinati b'ħafna modi skond ir-riżultat aħħari li jrid jinkiseb.

2.1. Għal liema grad ta' armonizzazzjoni għandha timmira l-UE?

Peress li d-dħul ta' ċittadini minn pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol huwa kwistjoni sensittiva ħafna, il-Kummissjoni temmen li, biex taħdem u jkollha suċċess f'dan il-qasam, politika Komunitarja, għandha tinbena b'mod progressiv, sabiex tiffaċilita tranżizzjoni gradwali u mexxejja minn regoli nazzjonali għal dawk Komunitarji. Għalhekk ikun tajjeb li l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar id-dħul ta' migranti ekonomiċi titqies bħala "l-ewwel stadju ta' leġiżlazzjoni" u li tistipula ċerti definizzjonijiet, kriterji u proċeduri komuni, filwaqt li fl-istess ħin tħalli lill-Istati Membri iwieġbu għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-swieq tax-xogħol tagħhom. Ta' min jiftakar li l-Abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali jħalli f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw in-numru ta' nies deħlin biex ifittxu x-xogħol. Madankollu, metodu ta' koordinament, li bih Stati Membri li qegħdin jinqdew bi kwoti nazzjonali jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' dawn il-politiki, jista' jkun ta' benefiċċju fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet globali tas-suq tax-xogħol Komunitarju, u jikkontribwixxi għall-formulazzjoni ta' politika legali komunitarja komuni dwar il-migrazzjoni u għal proċedura aktar effiċjenti u kkoordinata aħjar li hija fl-interess kemm ta' l-Istati Membri u kemm tal-persuni kkonċernati.

Inkwantu għall-kamp ta' kull leġiżlazzjoni Komunitarja tal-futur, il-Kummissjoni għandha quddiemha bosta għażliet. Bħala l-ewwel possibbiltà, tista' tkun **adottata sistema orizzontali** fuq il-linji tal-proposta oriġinali, li tkopri l-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu impjegati, jaħdmu għal rashom jew f'attivitajiet ekonomiċi oħra għal aktar minn tliet xhur fit-territorju ta' Stat Membru. Dispożizzjonijiet speċifiċi jistgħu jkopru l-ħtiġijiet partikulari ta' ċerti gruppi, bħalma huma l-ħaddiema għal staġun partikulari, ħaddiema trasferiti ġewwa l-istess intrapriża (ICTs), eċċ. Il-vantaġġ ikun it-twaqqif ta' qafas komuni globali dwar il-migrazzjoni ekonomika li jkun flessibbli ħafna.

Fuq l-eżempju tal-proposti għal direttiva dwar id-dħul ta' l-istudenti[6] u r-riċerkaturi,[7] hemm l-alternattiva ta' sensiela ta' **proposti leġiżlattivi settorjali.** Dawn l-abbozzi ta' liġijiet jistgħu jiffokaw fuq ħaddiema għal staġun partikulari, ICTs, ħaddiema tas-sengħa (mhux neċessarjament b'kapaċitajiet għolja biss) fornituri ta' servizzi kontrattwali u/jew kategoriji oħra. Għall-mument, jista' jitwarrab kull qafas komuni globali għad-dħul ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi. F'dan il-każ, il-vantaġġ ikun l-adozzjoni aktar faċli tar-regoli komuni.

---

5 Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Anness I, punt III 1.4

6 KUMM(2002) 548.

7 KUMM(2004) 178.

Jistgħu jkunu eżaminati strateġiji oħra, bħal per eżempju t-twaqqif ta' **proċedura komuni mgħaġġla** għad-dħul tal-migranti fejn hemm nuqqasijiet speċifiċi ta' ħaddiema u kapaċitajiet. Din il-proċedura tkun attivata jekk ċertu numru ta' Stati Membri jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jagħmel hekk permezz ta' proċedura mgħaġġla ħafna. Dan jevita kompetizzjoni bla ħtieġa u li tista' tkun ta' ħsara, bejn l-Istati Membri, fir-reklutaġġ ta' ċerti kategoriji ta' ħaddiema.

- Sa liema punt għandha tkun żviluppata politika Ewropea dwar il-migrazzjoni għax-xogħol u kemm għandha tintervjeni l-Komunità f'din il-kwistjoni?
- Għandha liġi Ewropea dwar il-migrazzjoni timmira li tipprovdi qafas legali globali li jkopri kważi kull ċittadin minn pajjiżi terzi deħlin fl-UE jew għandha tiffoka fuq gruppi speċifiċi ta' immigranti?
- Jekk kellha tintgħażel sistema leġiżlattiva settorjali, liema gruppi ta' migranti għandhom jitqiesu bħala prijorità, u għaliex?
- Tqis li sistemi oħra – bħal proċedura mgħaġġla Ewropea – għandhom ikunu kkunsidrati? Tista' tipproponi għażliet oħra?

2.2. Proċeduri għad-dħul għal impieg bi ħlas

Ġeneralment, qabel ma jiddaħħlu ħaddiema minn pajjiżi terzi, l-Istati Membru jeħtieġu jikkonfermaw li ebda persuna diġà involuta fis-suq tax-xogħol domestiku ma tista' timla l-post vakanti konċernat (' test tal-bżonnijiet ekonomiċi). Uħud mill-Istati Membri jdaħħlu kategoriji speċjali ta' ħaddiema – e.ż.., ħaddiema ta' sengħa kbira jew li jappartjenu għal ċertu setturi/kategoriji ta' xogħol fejn diġà hemm nuqqasijiet ta' ħaddiema – permezz ta' sistemi speċjali bħalma huma l-proċeduri mgħaġġla, *green cards*, eċċ. Tali sistemi jistgħu jkunu eżaminati fuq livell Komunitarju. L-UE għandha tibni wkollukoll fuq l-esperjenza diġà miksuba f'reġjuni oħra tad-dinja[8].

2.2.1. Preferenza għas-suq domestiku tax-xogħol

Il-prinċipju tal-"Preferenza Komunitarja" jitfisser kif ġej "*L-Istati Membri ser jikkunsidraw talbiet għad-dħul fit-territorju tagħhom għal raġunijiet ta' impjieg sakemm biss postijiet vakanti fi Stat Membru ma jistgħux jimtlew mill-ħaddiema nazzjonali jew Komunitarji jew mill-ħaddiema non-Komunitarji li jirresjedu legalment fuq bażi permanenti f'dak l-Istat Membru u diġà jiffurmaw parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru*"[9]. Madankollu, bosta Stati Membri jeżentaw ċerti kategoriji ta' migranti ekonomiċi (ICT ta' personal essenzjali, artisti ta' l-ispettaklu ta' fama internazzjonali, eċċ.) mill-preferenza Komunitarja.

---

[8] "Prassi effiċjenti fl-Għażla ta' l-Immigranti għal raġunijiet Ekonomiċi" (http://europa.eu.int/comm/employment_social/employment_analysis/immigr_new_stud_en.htm): ara l-anness.

[9] Reżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 1994, relatata mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68. Għandu jiġi nnotat li t-Trattat ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 jagħti preferenza lil ħaddiema li huma ċittadini ta' l-Istati Membri fuq ħaddiema li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' l-aċċess tas-suq tagħhom (l-Istati Membri) tax-xogħol.

Il-kwistjoni prinċipali tiffoka fuq jekk dan it-trattament preferenzjali għandux jingħata lill-ħaddiema minn pajjiżi terzi li diġà jkunu residenti fi Stat Membrufuq ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu għadhom kemm waslu. Huwa mportanti niftakru li mill-2006 residenti għal perijodu twil ser igawdu minn preferenza fuq migranti ġodda li jkunu għadhom kemm waslu fl-Istat Membru ta' residenza u ser ikollhom il-possibiltà li jiċċaqalqu u jissetiljaw fi Stat Membru ieħor għal studju, xogħol jew għanijiet oħra. [10]Barra dan, għandu dan it-trattament preferenzjali jinfirex għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li huma residenti fi Stat Membru differenti minn dak li fih jeżisti nuqqas ta' ħaddiema (barra dawk li ilhom residenti għal perijodu twil)? Dan ma jillimitax id-dritt ta' l-Istat Membru l-ieħor li jiddeċiedi lil min idaħħal fit-territorju tiegħu, iżda għandu jiffaċilita reklutaġġ, b'mod li jgħin sabiex jimtlew b'mod aktar mgħaġġel u effettiv in-nuqqasijiet ta' xogħol u ta' l-idejn u snajja fejn jitfaċċaw. B'hekk, imbagħad, l-UE tkun tista' torbot fuq 'ammont' ta' nies li diġà jkunu bdew jintegraw.

Din il-preferenza tista' tiġi estiża wkoll għal dawk il-ħaddiema li diġà ħadmu għal xi żmien fl-UE qabel ma rritornaw temporanjament lejn pajjiżhom. Dan jista' fil-fatt jiffavorixxi ċ-"ċirkulazzjoni ta' l-mħuħ" billi tħalli lill-ħaddiema minn pajjiżi terzi jippruvaw jerġgħu jintegraw f'pajjiżhom stess bl-għarfien li jekk xi darba jkunu jixtiequ jerġgħu lura fl-UE biex jaħdmu, se jirċievu trattament aktar favorevoli.

- Kif nistgħu niżguraw li l-prinċipju tal-"preferenza Komunitarja" jitħaddem b'mod effettiv?
- Għadha tgħodd id-definizzjoni eżistenti ta' preferenza Komunitarja? Jekk le, kif għandha tinbidel?
- Għal liema migranti ekonomiċi oħra (barra l-ICTs u personal essenzjali) tista' l-loġika tal-preferenza Komunitarja ma tapplikax?
- Barra dawk li ilhom residenti għal żmien twil, liema kategoriji ta' ċittadini minn pajjiżi terzi– jekk hemm – għandhom jingħataw preferenza fuq dawk il-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu għadhom kemm waslu?
- Għandu jingħata dritt għall-prijorità – suġġett għall-kondizzjonijiet preċiżi – liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu telqu mill-UE temporanjament wara li jkunu ħadmu fl-UE għal perijodu ta' snin?
- Jekk iċ-ċaqliq ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi minn Stat Membru għal ieħor ikun iffaċilitat, ikun ta' benefiċċju għall-ekonomija ta' l-UE u għas-swieq nazzjonali tax-xogħol? Kif jista' jseħħ dan b'mod effettiv? B'liema limitazzjonijiet/aġevolamenti?
- Kif jistgħu jikkontribwixxu s-Servizzi Ewropej għall-Impjiegi Pubbliċi (PES) u l-Portal tal-Mobilità ta' l-Impjiegi ta' l-EURES [11] biex jiffaċilitaw l-migrazzjoni min-naħa ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi għal raġunijiet ta' xogħol?

---

[10] Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE.

[11] Is-Servizzi għall-Impjiegi Pubbliċi Ewropej (PES) ta' l-Istati Membri huma kkoordinati fuq livell Ewropew permezz tan-netwerk ta' l-EURES (Servizzi Ewropej għall-Impjiegi). L-EURES waqqfu Portal Ewropew għall-Mobilità ta' l-Impjiegi (http://europa.eu.int/eures) li fuqu, b'effett mill-2005, jitqiegħdu l-postijiet kollha vakanti fl-Ewropa rreġistrati pubblikament. Dan isir permezz ta' pjattaforma komuni ta' l-informatika, ibbażata fuq teknoloġija ta' servizzi ta' l-internet.

2.2.2. Sistemi li jirregolaw id-dħul

Minkejja s-sistema, hemm punt speċifiku li l-ewwel irid ikun diskuss: għandu d-dħul ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għas-suq tax-xogħol Komunitarju jitħalla jsir biss jekk ikun hemm kariga vakanti speċifika jew jista' jkun hemm sistemi aktar flessibbli bħal *green cards*, eċċ., immirati biex iħajru lill-ħaddiema jimlew il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fil-perijodu qasir jew twil? Hemm ukoll il-kwistjoni ta' liemaproċedura trid tkun osservata fil-każ ta' dawk iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jippruvaw jidħlu fl-UE biex iwettqu attività ekonomika (e.ż., skond il-kuntratt ta' xogħol konkluż bejn dawk li jħaddmu li qegħdin f' pajjiżi terzi u klijenti fl-UE), li, madankollu, ma jidħlux fiżikament fis-suq Komunitarju tax-xogħol.

- Għandu d-dħul ta' ċittadini minn pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol ta' l-UE jitħalla jsir biss sakemm ikun hemm kariga vakanti speċifika jew għandu jkun possibbli wkoll li l-Istati Membri jitħallew idaħħlu ċittadini minn pajjiżi terzi mingħajr tali kondizzjoni?

- Liema proċedura għandha tkun applikata għall-migranti ekonomiċi li ma jidħlux fis-suq tax-xogħol?

Jekk id-dħul jiddependi minn kariga vakanti speċifika (test tal-bżonnijiet ekonomiċi), u jekk nissoponu li tkun adottata strateġija orizzontali Komunitarja għall-migrazzjoni ekonomika, waħda mill-possibbiltajiet tista' tkun li wieħed jipproċedi permezz ta' "valutazzjoni individwali": jekk persuna li tħaddem tkun avżat li hemm kariga vakanti għal perijodu minimu ta' żmien, u jekk ma tkunx irċeviet applikazzjoni aċċettabbli mis-suq tax-xogħol ta' l-UE, tista' titħalla tirrekluta nies minn barra. Din is-sistema, marbuta ma' għodda bħalma hija l-EURES, biex ikunu ppubblikati l-postijiet vakanti fl-UE – tippermetti ċertu kontroll tar-reklutaġġ, u b'hekk jitnaqqsu l-abbużi. Kwistjoni oħra tirrigwarda l-possibbiltà ta' jekk dan it-test jistax jerġa' jsir meta kuntratt ta' xogħol għal perijodu limitat ikun skada u l-persuna li tħaddem tkun tixtieq li jiġġedded.

- Jista' t-test tal-bżonnijiet ekonomiċi jitqies bħala sistema vijabbli? Għandu jkun applikat b'mod flessibbli, billi jitqiesu, per eżempju, il-karatteristiċi reġjonali u settorjali jew id-daqs tal-kumpanija kkonċernata?

- Għandu jkun hemm perijodu minimu ta' żmien li matulu kariga vakanti għandha tkun ippublikata qabel ma applikant minn pajjiż terz jista' jkun kkunsidrat għall-kariga?

- B'liema mod ieħor jista' jkun stabbilit effettivament li hemm ħtieġa ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi?

- Hemm għalfejn jerġa' jsir it-test tal-bżonnijiet ekonomiċi wara li jkun skada l-permess tax-xogħol, jekk kuntratt tax-xogħol – li permezz tiegħu ddaħħlu l-ħaddiema minn terzi pajjiżi – diġà ġġedded jew sejjer jiġġedded?

Bosta sistemi fakultattivi oħra jistgħu jipprovdu flessibilità akbar: Stat Membru jista' jqis li t-test tal-bżonnijiet ekonomiċi ġie sodisfatt jekk id-dħul annwali u/jew il-livell ta' kapaċità jaqbżu ċertu limitu, u/jew ma tkunx meħtieġa prova li tassew jeżistu karigi vakanti f'ċerti setturi jew reġjuni, kif determinat mill-istess Stat Membru (*green cards*). L-istess kunċett jista' jkun applikat għall-kwoti tal-ħaddiema, u b'hekk l-Istati Membri jitħallew iżommu l-impenji internazzjonali li jkollhom mal-pajjiżi terzi.

- Liema sistemi fakultattivi oħra jistgħu jitqiesu?

Possibbiltà oħra tista' tkun l-applikazzjoni ta' sistema ta' għażla Komunitarja li twieġeb għall-bżonnijiet ta' kapaċitajiet speċifiċi, b'mod partikulari f'perspettiva għal tul ta' żmien. Jista' jkun stabbilit qafas komuni fuq livell Komunitarju (e.ż. snin ta' esperjenza, edukazzjoni, kapaċitajiet lingwistiċi, eżistenza ta' offertà/nuqqas ta' xogħol, qraba li diġà joqogħdu f'dak l-Istat Membru, eċċ.) u mbagħad kull Stat Membru jista' jagħżel jekk japplikax dan il-qafas u jekk jagħmel hekk, kif jadattah għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol tiegħu. Bħala alternattiva, jista' jkun hemm bosta sistemi, e.ż., waħda li tapplika għall-ħaddiema b'kapaċitajiet limitati (e.ż., preferenza mogħtija f'ċertu settur għal snin ta' esperjenza) u oħra li tapplika għall-ħaddiema b'kapaċitajiet medji/għolja (e.ż., jkun ippreferut livell ta' edukazzjoni milli snin ta' esperjenza) u l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu liema japplikaw. Tali sistema tista' tkun hemm kemm flimkien mal-filosofija tal-"valutazzjoni individwali", kif ukoll mal-"*green cards*". Finalment, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jintroduċu "permessi għall-persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol" għal ċerti kapaċitajiet, setturi eċċ., jistgħu jagħmlu dan.

F'dan il-kuntest jista' jkun hemm sistema ta' verifika sussegwenti per eżempju bbażata fuq is-servizzi pprovduti mill-EURES, li permezz tagħha, meta tinqala' l-ħtieġa għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi, il-persuna li tipprovdi l-impjieg tkun tista' tikkonsulta l-kurrikuli ta' l-applikanti ta' l-Unjoni kollha. Meta jinstab kandidat xieraq, iċ-ċittadin barrani jkun jista' jivverifika permezz tal-websajt ta' l-Istat Membru jekk għandux/għandhiex ir-rekwiżiti meħtieġa u jagħti bidu għall-proċeduri biex jikseb il-permessi.

- Tista' sistema ta' għażla tintuża bħala regola ġenerali possibbli fuq livell Komunitarju għad-dħul tal-migranti ekonomiċi fis-suq tax-xogħol, u liema għandhom ikunu l-kriterji rilevanti?
- Kif jistgħu l-persuni li jħaddmu jkollhom aċċess ġenerali għall-kurrikuli ta' l-applikanti fl-UE kollha u f'dan il-kuntest kif jistgħu jissaħħu s-servizzi ta' l-EURES?
- Għandha ssir previżjoni tal-possibbiltà li jingħataw "permessi għall-persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol"?

2.3. Proċeduri li jirregolaw id-dħul għal min jaħdem għal rasu

Kondizzjonijiet armonizzati għad-dħul ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jaħdmu għal rashom jistgħu jiddaħħlu wkoll fuq livell Komunitarju. Tali kondizzjonijiet ikunu differenti minn dawk tas-sezzjoni 2.2: per eżempju, ċittadini minn pajjiżi terzi jistgħu jintalbu jippreżentaw pjan tan-negozju ddettaljat li jkun finanzjarjament vijabbli, juru l-mezzi finanzjarji tagħhom u jippruvaw li l-attività ekonomika tagħhom tkun ta' benefiċċju għall-impjieg jew għall-iżvilupp ekonomiku ta' l-Istat Membru kkonċernat. Jistgħu jkunu introdotti diversi gradi ta' flessibilità. Fosthom insibu l-possibbiltà li l-Istati Membri jeskludu jew imexxu 'l quddiem ċerti setturi, eċċ.

- L-UE għandha jkollha regoli komuni għad-dħul ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jaħdmu għal rashom? Jekk iva, taħt liema kondizzjonijiet?
- Għandu jkun hemm possibiltà ta' proċeduri aktar flessibbli għall-persuni li jaħdmu għal rashom u li jixtiequ jidħlu fl-UE għal anqas minn sena biex jissodisfaw kuntratt speċifiku ma' klijent mill-UE? Jekk iva, x'għandhom ikunu?

2.4. Applikazzjonijiet għall-permess(i) tax-xogħol u r-residenza

Proċedura waħda għall-applikazzjoni nazzjonali li twassal għall-ħruġ ta' permess kombinat ta' residenza u xogħol (proċedura waħdiena) tista' tissimplifika l-proċeduri attwali. Meta tintalab viża għad-dħul, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jew jibqgħu jitolbu viża għad-dħul inizzjali, jew jikkunsidraw li biżżejjed jinħareġ dan il-permess kombinat mill-konsulati tagħhom.

Il-permess ma jkollux x'jaqsam la mal-prassi interni ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali u lanqas mal-kondizzjonijiet tad-dħul. F'ħafna mill-Istati Membri, ċittadini minn pajjiżi terzi għandhom ikollhom permess tax-xogħol qabel ma tiġi eżaminata l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza: għaldaqstant, tista' tingħata l-impressjoni li l-ħruġ ta' permess ta' residenza – ibbażat fuq kriterji differenti mill-permess tax-xogħol – issir ħaġa awtomatika permezz ta' din il-proċedura kombinata, iżda din mhijiex l-intenzjoni tal-Kummissjoni.

L-alternattiva tkun li din il-kwistjoni ma tkunx irregolata fuq livell Komunitarju. Pożizzjoni ta' kompromess tista' tintlaħaq jekk tintalab applikazzjoni waħda għall-permessi ta' residenza u xogħol, minkejja li fl-aħħar mill-aħħar xorta jinħarġu żewġ permessi differenti skond ir-regoli nazzjonali.

- Għandu jkun hemm "permess ta' xogħol u residenza" kombinat fuq livell Komunitarju? Liema huma l-vantaġġi/żvantaġġi tiegħu?
- Jew għandha tiġi proposta applikazzjoni waħda (kemm għall-permess tax-xogħol kif ukoll għall-permess ta'residenza)?
- Hemm alternattivi oħra?

2.5. Possibbiltà li ħaddiem ibiddel il-persuna li tħaddmu/is-settur

Il-possibbiltà li ħaddiem ibiddel il-persuna li tħaddmu u/jew is-settur matul l-ewwel perijodu ta' xogħol fl-UE hija marbuta mill-viċin mal-kwistjoni ta' f'idejn min ikun il-permess u għall-kondizzjonijiet tad-dħul tal-ħaddiem (sezzjoni 2.2). Jekk ċittadin minn pajjiż barrani jkun daħal taħt skema speċjali, il-mobilità tiegħu/tagħha tista' tkun limitata temporanjament sabiex jiġu evitati abbużi mill-kondizzonijiet tad-dħul. Għall-kuntrarju, ma jkun hemm l-ebda problema, effettivament, għall-ekonomija tal-pajjiż li qiegħed jilqa' l-ħaddiema, jekk il-ħaddiem ma jkunx daħal taħt skemi bħal dawn u jingħata opportunità ta' impjieg ta' sodisfazzjon aħjar (suġġett għat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi, jekk hemm bżonn). Dwar il-permess, jekk id-detentur tal-permess huwa l-persuna li qed tħaddem, il-ħaddiem jista' jiġi espost għal riskju ta' kontroll żejjed, jew anke "fil-pussess tal-", persuna tal-Komunità li tista' tħaddmu/tħaddimha fil-futur.

- Għandu jkun hemm restrizzjonijiet fuq il-mobilità ta' ħaddiem minn pajjiż barrani ġewwa s-suq tax-xogħol ta' l-Istat Membru fejn ikun residenti? Jekk iva, fuq liema kriterju (min iħaddem, settur, reġjun, eċċ.), taħt liema ċirkustanzi u għal kemm?
- Lil min għandu jinħareġ il-permess? Lil min iħaddem, lill-ħaddiema jew lit-tnejn flimkien?

2.6. Drittijiet

Ħaddiema migranti jrid ikollhom status legali ċert[12], kemm jekk jixtiequ jmorru lura lejn il-pajjiż li jkunu ġew minnu, u kemm jekk biex jakkwistaw status aktar permanenti. Ħaddiema minn pajjiżi terzi għandhom jibbenefikaw mill-istess trattament li jingħata liċ-ċittadini ta' l-UE, b'mod partikulari fejn jidħlu ċerti drittijiet ekonomiċi u soċjali bażiċi qabel ma jakkwistaw l-istatus ta' resident għal perijodu twil. Dan l-istatus jimplika ġabra aktar estensiva ta' drittijiet, skond il-prinċipju tad-divrenzjar tad-drittijiet skond it-tul tal-perijodu.

- Xi drittijiet speċifiċi għandhom jingħataw liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jaħdmu temporanjament fl-UE?
- Għandha t-tgawdija ta' ċerti drittijiet tkun ikkundizzjonata minn żjara għal tul ta' żmien minimu? Jekk iva, liema drittijiet u għal kemm?
- Għandu jkun hemm inċentivi – *e.ż.* kondizzjonijiet aħjar biex il-familji jerġgħu jingħaqdu jew biex ikun akkwistat l-istatus ta' residenti għal perijodu twil – li jattiraw ċerti kategoriji ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi? Jekk iva, liema u għaliex?

2.7. Miżuri ta' akkumpanjament: l-integrazzjoni, ir-ritorn lejn u l-kooperazzjooni ma' pajjiżi terzi

Kif enfasizzat f'bosta komunikazzjonijiettal-Kummissjoni[13] u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp tad-19 ta' Mejju 2003, biex politika Komunitarja dwar il-migrazzjoni ekonomika tirnexxi, jeħtieġ li l-flussi tal-migrazzjoni jkunu kkontrollati flimkien mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, filwaqt li jkunu kkunsidrati r-realtajiet u l-bżonnijiet tagħhom. Il-miżuri meħuda għandhom ikunu akkumpanjati minn politika b'saħħitha li tiffaċilta l-integrazzjoni tal-migranti.

Għalhekk, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi biex tkun iffaċilitata l-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' migranti potenzjali, trid tinkludi għadd ta' kwistjonijiet, bħat-telf ta' l-aħjar imħuħ , il-fatt li l-pajjiżi ta' oriġini jinvestu fl-iżvilupp tal-kapaċiatjiet tannies, biex wara, dawn iħallu l-ekonomija u s-soċjetà ta' pajjiżhom, id-diffikultajiet tal-migranti biex iżommu rabtiet soċjali u kulturali, eċċ. Importanti nirriflettu fuq kif għandhom ikunu indirizzati dawn il-kwistjonijiet u fuq il-miżuri li jiffaċilitaw ir-ritorn tal-ħaddiema temporanji meta l-kuntratti tagħhom jiskadu u l-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fis-soċjetajiet tagħhom. Fost il-miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex jiggarantixxu sitwazzjonijiet għal kollox vantaġġużi, u/jew sabiex jikkumpensaw għas-sitwazzjonijiet negattivi li jistgħu jinqalaw, insibu: id-disponibbiltà ta' informazzjoni aġġornata rigward il-kondizzjonijiet tad-dħul u r-residenza fl-UE; it-twaqqif ta' ċentri ta' reklutaġġ u taħriġ fil-pajjiżi ta' oriġini għal ħiliet meħtieġa fuq livell Komunitarju, u ċentri għat-taħriġ kulturali u lingwistiku; il-ħolqien

---

12 Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE diġà taħseb għal numru ta' drittijiet. e.ż. dawk li għalihom hekk ipprovdut fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE (residenti għal perijodu twil), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 (ko-ordinazzjoni tas-sigurtà soċjali) u fiż-żewġ direttivi anti-diskriminatorji (Direttiva 2000/43/KE u Direttiva 2000/78/KE). Minbarra dan, Direttivi ta' l-UE dwar materji bħas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol japplikaw fil-prinċipju għall-ħaddiema kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom. L-istess jista' jingħad għall-artikoli tal-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali.

13 KUMM(2004) 412; KUMM(2002) 703.

ta' bank tad-*data* għal kull ħila/xogħol/settur (portafoll ta' kompetenzi) tal-migranti potenzjali; il-faċilità fit-trasferiment tal-flus; il-kumpens għalpajjiżi terzi għall-ispejjeż edukattivi tal-migranti li jkunu sejrin iħallu 'l pajjiżhom u jidħlu fl-UE. Kwistjoni oħra hija jekk ċertu pajjiżi terzi jistgħux jingħataw preferenza għad-dħul taċ-ċittadini tagħhom fi ħdan il-qafas ta' ftehim ta' kooperazzjoni msaħħaħ.

Barra dan, kif indikat fl-Ewwel Rapport Anwali dwar il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, l-UE għandha tkompli fl-isforzi tagħha biex ikun hemm integrazzjoni aħjar ta' immigranti attwali u dawk tal-ġejjien, kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll, b'mod ġenerali, fis-soċjetà tal-pajjiż li jkun qiegħed jospitahom. Programmi ta' introduzzjoni għall-immigranti li jkunu għadhom kemm waslu – fil-parti l-kbira, taħriġ lingwistiku, edukazzjoni ċivika u informazzjoni dwar in-normi u l-valuri bażiċi tas-soċjetà li qiegħda tilqagħhom – qegħdin jingħataw aktar importanza fl-Istati Membri kollha.

- X'tip ta' miżuri ta' akkumpanjament għandhom jinħasbu biex ikun iffaċilitat id-dħul u l-integrazzjoni tal-migranti ekonomiċi, kemm fl-UE u fil-pajjiżi ta' oriġini?
- F'konformità mal-politika Ewropea ta' l-iżvilupp, x'tista' tagħmel l-UE biex tinkoraġġixxi ċirkolazzjoni ta' l-imħuħ u tindirizza l-effetti potenzjalment avversarji ta' telf ta' l-aħjar imħuħ?
- Għandhom il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jingħataw kumpens (mingħand min u kif) għall-investiment tagħhom f'persuni li wara jitilqu lejn l-UE? Kif jistgħu jkunu limitati l-effetti negattivi?
- Għandhom il-pajjiżi li qegħdin jilqgħu u dawk ta' l-oriġini jkollhom l-obbligu li jiżguraw ir-ritorn tal-migranti ekonomiċi temporanji? Jekk iva, taħt liema ċirkustanzi?
- Kif jista' jkun ikkontrollat ir-ritorn għall-benfiċċju kemm tal-pajjiż li jkun qiegħed jospita kif ukoll ta' dak ta' l-oriġini?
- Għandha tingħata preferenza lil ċerti pajjiżi terzi fir-rigward tad-dħul u kif għandu jsir dan?
- Jistgħu tali preferenzi jkunu assoċjati ma' oqsfa speċjali, bħall-Politika Ewropea tal-Viċinat, strateġiji ta' qabel l-adeżjoni?

3. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni temmen li d-dħul ta' migranti ekonomiċi huwa l-qofol ta' kull politika dwar l-immigrazzjoni u li, għaldaqstant, din il-kwistjoni għandha tkun indirizzata fuq livell Komunitarju fil-kuntest ta' l-iżvilupp ftit ftit ta' politika Komunitarja koerenti dwar l-immigrazzjoni. F'din il-*Green Paper,* il-Kummissjoni ppruvat toħroġ il-kwistjonijiet prinċipali involuti u pproponiet numru ta' possibilitajiet differenti li jistgħu jagħmlu parti minn qafas Komunitarju komuni. Din is-sistema għandha tkun trasparenti, mingħajr burokrazija u li tista' titħaddem b'mod sħiħ. Għandha taħdem fl-interessi tal-partijiet kollha involuti: il-migranti, il-pajjiżi li jibagħtuhom u l-pajjiżi li jilqgħuhom. Fit-tisħih tal-politika tagħhom bl-iskop li jiġbdu l-migranti ekonomiċi u jiffaċiltaw id-dħul ta' l-istess migranti, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħtu attenzjoni kbira lill-effetti negattivi possibbli marbuta ma' tali tluq mill-pajjiż ta' oriġini.

L-għan prinċipali tal-*Green Paper* huwa li toħloq reazzjonijiet u tagħti bidu għal diskussjoni wiesgħa mal-partijiet kollha involuti. Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali (inklużi l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trejdjunjins), organizzazzjonijiet non-governattivi (NGOs), il-pajjiżi kandidati, imsieħba mill-pajjiżi terzi, l-akkademiċi u organizzazzjonijiet oħra mis-soċjetà ċivili u individwi, huma mistiedna jagħtu kontribut. Kif jintemm dan il-proċess komprensiv ta' konsultazzjoni , il-Kummissjoni ser tippreżenta pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali, inkluż il-proċduri tad-dħul, sa l-aħħar ta' l-2005, kif imniżżel fil-Programm tal-Hague.

Biex tkun tista' tipprepara għal smigħ pubbliku dwar il-migrazzjoni ekonomika fl-2005, il-Kummissjoni qiegħda tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex iwasslu l-kummenti tagħhom bil-miktub sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2005 lil:

Id-Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà

Kummissjoni Ewropea

Brussel B-1049

jls-economic-migration@cec.eu.int

ANNESS

BIBLIOGRAPHY

A. Legislative instruments and proposals:

(1) Council Directive 2003/86/EC of 22 September 2003 on the right to family reunification (applicable as of 3 October 2005);

(2) Council Directive 2003/109/EC of 25 November 2003 concerning the status of third-country nationals who are long-term residents (applicable as of 26 January 2006);

(3) Proposal for a Council Directive on the conditions of admission of third-country nationals for the purpose of studies, pupil exchange, unremunerated training or voluntary service - COM(2002) 548; political agreement reached in March 2004;

(4) Proposal for a Council Directive on a specific admission procedure for third country researchers - COM(2004) 178;

(5) Proposal for a Council Directive on the conditions of entry and residence of third-country nationals for the purpose of paid employment and self-employed economic activities - COM(2001) 386;

(6) Council Regulation (EEC) No 1612/68 on freedom of movement for workers (in particular, article 19(2) for the "Community preference");

(7) Council Resolution of 20 June 1994 on limitations on admission of third-country nationals to the territory of the Member States for employment;

(8) Council Directive 2000/43/EC of 29 June 2000 implementing the principle of equal treatment between persons irrespective of racial or ethnic origin;

(9) Council Directive 2000/78/EC of 27 November 2000 establishing a general framework for equal treatment in employment and occupation;

(10) Council Regulation (EC) No 859/2003 of 14 May 2003 extending the provisions of Regulation (EEC) No 1408/71 and Regulation (EEC) No 574/72 to nationals of third countries who are not already covered by those provisions solely on the ground of their nationality.

B. Commission Communications:

(1) Communication from the Commission "Study on the links between legal and illegal immigration" - COM (2004) 412 final;

(2) First Annual Report on Migration and Integration - COM(2004) 508 final;

(3) Communication from the Commission on immigration, integration and employment - COM(2003) 336 final;

(4) Communication from the Commission on integrating migration issues in the EU's relations with third countries - COM(2002) 703 final.

C. Studies:

(5) Studies on labour migration, Migration Research Group, Hamburg Institute for International Economics (HWWA), Germany; papers prepared for the European Commission, DG Employment and Social Affairs, June 2004, available at: http://europa.eu.int/comm/employment_social/employment_analysis/immigr_new_stud_en.htm. The papers examine best practice regarding recruitment of labour migrants, projecting future labour needs and labour market integration in the European countries as well as in other industrialised countries. They were prepared by experts from the MRG, in cooperation with the Migration Policy Institute, Washington DC.

(6) Admission of third-country nationals for paid employment or self-employed activity, European Commission, Directorate General for Justice and Home Affairs, 2001, ISBN 92-894-1689-0. The study, undertaken by Ecotec Research and Consulting Limited between November 1999 and May 2000, analysed and compared the legal and administrative frameworks in the EU-15 concerning the admission of third-country nationals to the EU Member States for the purposes of paid employment and self-employment.